MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2009

Appell Kriminali Numru. 177/2009

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Paul Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli f’dawn il-Gzejjer naqas li jaghti l-manteniment dovut ta’ LM30 fil-gimgha skond digriet mahrug mill-Prim Imhallef Dr. V. DeGaetano LL.D fit-3 ta’ Dicembru, 2004 u dan ghal perjodu ta’ bejn it-3 ta’ Dicembru, 2004 sat-3 ta’ Settembru, 2008.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-18 ta’ Mejju, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati w ghaldaqstant ikkundannatu xahar detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-27 ta' Mejju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni w piena w, assolutament minghajr pregudizzju ghat-talba tar-revoka tas-sentenza appellata, anki jekk l-appellant jinsab hati, ghandha tigi applikata piena ehfef u aktar adattata lill-appellant.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- li l-Ewwel Qorti ma hadet ebda konsiderazzjoni tal-istat finanzjarju w mentali tal-appellant kif irrizulta mill-provi prodotti quddiemha. Hu jbaghti minn *severe depression and anxiety disorder* kif jirrizulta mic-certifikat mediku esebit quddiem l-Ewwel Qorti, li jghid li ilu jbaghti mill-inqas seba' snin b' din il-kondizzjoni mentali. Hu ilu jircevi l-beneficcji socjali mit-28 ta' Settembru, 2002. Illi martu tant fehmet is-sitwazzjoni tal-appellant li qatt ma pprocediet kontra tieghu w ghamlet dan biss meta d-Dipartiment tas-Servizzi Socjali gibdilha l-attenzjoni taghha biex tiehu passi kontra zewgha w li, fin-nuqqas, kienu ser jaqtghulha l-beneficcji taghha. Minghajr pregudizzju, l-piena hija ecccessiva. Din l-ewwel darba li l-appellant qed jitressaq quddiem il-Qorti fuq tali akkuza w in-nuqqas ta' hlas ma kienx wiehed kapriccuz. Li hu tant ma fehemx il-proceduri kontra tieghu li lanqas biss xehed quddiem l-Ewwel Qorti. Issa gew intavolati l-proceduri relattivi sabiex tigi regolata l-pozizzjoni tieghu.

Rat il-verbal redatt fis-seduta tal-lum li bih il-parte civile infurmat lill-Qorti li daghodu stess intlahaq ftehim mad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali, (Mr. Micallef, Direttur), li parti mill-beneficcju inkrimentat li ser ircievi l-appellant ser jithallas direttament lill-parte civile mid-Dipartiment u li in vista ta' dan l-arrangament, il-parte civile tiddikjara li m'ghandhiex interess li jkun hemm sentenza karcerarja fil-konfront ta' zewgha.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi rrizulta ampjament li l-manteniment dovut ghal bosta snin baqa' ma thallasx u li fil-frattemp mart l-appellant kienet qed tippercepixxi ghajnuna socjali w ghalhekk ma hassitx il-htiega li tiehu xi passi kontra zewgha, w li issa pprocediet ghax id-Dipartiment tas-Servizzi Socjali esiga li taghmel dan. Kienet x' kienet pero' ghar-raguni li fl-ahhar mart l-appellant ipprocediet kontra tieghu, jibqa' l-fatt li l-manteniment ordnat mill-Qorti ma thallasx.

Kif gie ritenut minn din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta, (Appell Krim**. "Il-Pulizija vs. Anthony Saliba"** [15.7.1998] ) il-fatt li persuna tisfa' bla xoghol ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-Digriet tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta' natura kontravenzjonali li tahtu hu akkuzat l-appellant . Ir-rimedju li ghandu w li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civili kompetenti biex din , wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. Hu biss wara li jottjeni tali modifika, li jkun jista' jhallas inqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir, jibqa' marbut bl-obbligu tal-hlas skond l-ewwel Digriet .

Fi kliem iehor sakemm ikun ghadu vigenti digriet tas-Sekond' Awla jew Digriet jew sentenza tal-Prim'Awla jew tal-Qorti tal-Appell, li jordna l-hlas ta' manteniment, din il-Qorti ma tistax hlief issib u tikkonfermha htija, fejn l-appellant ikun naqas li jottempera ruhu ma tali digriet jew sentenza, tkun xi tkun ir-raguni , jew pretest biex jaghmel dan . Altrimenti,din il-Qorti , minn flok Qorti ta' Appell Kriminali, tispicca tirriduci ruha f'wahda ta' revizjoni dwar l-effikacja u r-ragonevolezza ta' Digrieti jew sentenzi tal-Prim' Awla u tal-Qorti tal-Appell u Digrieti tas-Sekond' Awla, mansjoni li zgur li ma taqax taht il-kompetenza taghha . (ara ukoll App. Krim. **"Pulizija vs. Alfred Camilleri "** [18.9.2002] )

Fil-kamp kriminali biex tirrizulta l-htija ta’ natura kontravenzjonali taht l-imputazzjoni bhal dik dedotta kontra l-appellant bizzejjed li jigi pruvat il-fatt tal-ordni tal-Qorti kompetenti li tordna l-hlas tal-manteniment - u normalment dan isir bl-esebizzjoni ta‘kopja legali tad-Digriet relattiv - u li l-akkuzat ikun naqas li jhallas l-ammont li jkun ordnat li jhallas mill-Qorti kompetenti fil-periodu imsemmi fil-komparixxi u - trattandosi ta‘ reat kontravvenzjonali - li dan ikun sar volontarjament . Mill-bqija konsiderazzjonijiet ohra jistghu biss u f ‘ certi kazijiet jittiehdu in konsiderazzjoini ghall-fini tal-applikazzjoni tal-piena , fejn il-Qorti ghandha diskrezzjoni li tapplika piena karcerarja ta’ detenzjoni jew ammenda , jew xi wahda mid-dispozizzjonijiet taht il-Kap.446 tal-Ligijiet ta Malta.

Ikkonsidrat;

Illi kien fl-interess tal-appellant, li, anki jekk martu kienet komda tircevi s-servizzi socjali minnflok ma tesigi l-manteniment minn ghandu, li jirrikorri quddiem il-Qorti kompetenti biex jottjeni l-modifika tal-ordni ghall-hlas tal-manteniment u dan m’ ghamlux ghal numru ta’ snin u kien biss issa li hass il-htiega li jiccaqlaq.

Ghalhekk il-htija tal-appellant tirrizulta manifestament u l-aggravju tieghu huwa infondat.

Pero’, in vista ta’ l-izvilupp pozittiv li sehh fil-mori tal-appell bl-intendiment fuq milhuq mad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali w minhabba c-cirkostanzi tal-kaz, jidher li f’dan il-kaz hemm lok ghal temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti qed tilqa’ l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu w tirrevokaha inkwantu kkundannatu ghal xahar detenzjoni w minflok tilliberah taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mill-lum a tenur tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------